**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR.IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 26 ta' April 2023**

**Att ta' Akkuża Nru. 7/2020**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Etienne Farrugia**

Il-Qorti,

**1.**Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-akkużat Etienne Farrugia detentur tal-karta ta'l-identita' numru 84077M akkużat:

> **Fl-Ewwel Kap** talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga Cannabis (*buds*) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni

maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern f'ċirkostanzi li juru li dan il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu, dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi

**Fit-Tieni Kap**, talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-ġvern u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

**2**. Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat fl-20 ta' Settembru 2020 fejn eċċepixxa:

**i.** Illi l-att tal-akkuża huwa null stante illi f'diversi bnadi tal-parti narrattiva taż-żewġ kapi tal-att tal-akkuża hemm referenza għal persuna ohra u cioe' Fabian Catania illi m'għandux x'jaqsam mal-proċeduri odjerni.

**ii**. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, il-proċeduri fl-ismijiet premessi huma nulli peress li difettużi stante illi d-droga misjuba u analiżżata mill-ixjenzat Dr. Godwin Sammut saret f'laboratorju mhux akkreditat.

**iii**. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, r-relazzjoni tal-espert tax-xena tar-reat PC 405 Jason Schembri inkluż l-esebiti illi ġew elevati minnu u cioe' DOK 18 CRU 201, DOK 18 CRU 202, DOK 18 CRU 203, DOK 18 CRU 204, DOK 18 CRU 205, DOK 18 CRU 206, DOK 18 CRU 207, DOK 18 CRU 208, DOK 18 CRU 209, DOK 18 CRU 210 u DOK 18 CRU 211 għandhom jiġu sfilzati stante illi huwa qatt ma ġie nnominat fl-inkjesta b'tali inkarigu u dan l-inkarigu ingħata lill-PC 406 Sean Micallef, WPS 369 Stephanie Cassar u PC 169 Jurgen Schembri

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-10 ta' Novembru 2022 fejn il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni preliminari in kwantu din ġiet irtirata mid-Difiża, u ċaħdet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkużat.

**4.** Rat ir-rikors tal-appell tal-akkużat Etienne Farrugia ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2022 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-akkużat, tħassarha u tirrevokaha fil-bqija

u ċioe' fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet enumerati tnejn u tlieta sollevati mill-akkużat, u minflok tilqa' l-istess eċċezzjonijiet preliminari, u dan taħt kwalunkwe kundizzjoni li din l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

**5.** Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali ppreżentata fid-19 ta' Diċembru 2022 fejn talab li l-appell jiġi miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

**6.** Rat l-atti kollha tal-kawza.

**7.** Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**,

**8**. Illi l-ewwel aggravju ventilat mill-appellant jikkonċerna d-deċiżjoni ta'l-Qorti Kriminali meta din ċaħdet it-tieni eċċezzjoni minnu sollevata fejn jilmenta illi d-droga misjuba fil-pussess tiegħu ġiet analiżżata mill-ispiżjar Godwin Sammut ġewwa laboratorju li ma kienx wieħed akkreditat skont il-liġi u dan bi ksur tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tal-Ewropa 2009/905/JHA tat-30 ta' Novembru 2009 kif tramandata fid-dritt nazzjonali permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 intestat "*l-Ordni dwar l-Akkreditament ta' Provdituri ta' Servizzi Forensiċi li Jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji.*" L-osservanza ta' din il-ligi, fil-fehma tiegħu tiġi żgurata billi l-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jkunu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-ENISO/IEC 17025. Dan bil-għan illi r-riżultati miksuba minn dawn il-laboratorji jkun rikonoxxut bħala xogħol kredibbli u attendibbli skond *standards* internazzjonali. L-eċċezzjoni minnu ventilata, madanakollu, ma tfittix biex tattakka l-ammissibilita' ta' din l-evidenza, imma addirittura tqanqal in-nullita' tal-proċeduri fl-intier tagħhom u dan meta l-appellant iqies din il-mankanza bħala tali illi tirrendi l-proċeduri difettużi.

**9**. Illi l-Qorti Kriminali għamlet esposizzjoni erudita ta' dritt regolanti din l-evidenza li l-appellant qed ifittex li jxejjen u li fil-fehma tiegħu tista' twassal għan-nullita' tal-proċeduri fl-intier tagħhom, u din il-Qorti minnufih tistqarr, mingħajr tlaqliq, li ma tista' ssib xejn x'tiċċensura fil-konkluzjonijiet milħuqa fis-sentenza appellata fejn fost oħrajn kien hekk deċiż:

> **"Iżda għalkemm kif intqal, huwa deżiderabbli li din il-ġurisdizzjoni tadotta wkoll standards ogħla, inkluż bl-akkreditazzjoni tal-laboratorji li fihom issir l-analiżi ta' sustanzi illeċiti, sal-ġurnata ta' din is-sentenza ma jirriżultax li hemm obbligu fuq din l-istess ġurisdizzjoni sabiex it-testijiet fuq sustanzi illeċiti jsiru ġewwa laboratorji akkreditati. Għalhekk it-testijiet u konklużjonijiet milħuqa mil-laboratorji Maltin ma jistgħux jiġu meqjusa bħala difettużi jew li saħansitra jwasslu għan-nullita' tal-proċeduri."**

**10**. Illi l-għan wara l-*istandard* ta' akkreditazzjoni hekk imsejħa ISO/IEC 17025 jippermetti lill-laboratorji juru li qegħdin joperaw b'mod kompetenti u li jiġġeneraw riżultati validi, u b'hekk isaħħu l-fiduċja fix-xogħol tagħhom kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll madwar id-dinja. Dan ma jfissirx, madanakollu, illi jekk analiżi ma tkunx saret f'laboratorju akkreditat allura il-prova magħmula permezz ta' dik l-analiżi hija waħda inattendibbli jew monka fil-kontenut tagħha, u li l-konklużjonijiet milħuqa minn dik l-analiżi huma difettużi. Illi l-valur probatorju ta' evidenża jitkejjel mill-probabbiltà li dik l-evidenza tilħaq l-iskop tagħha ta' prova ta' fatt rilevanti għal każ. Dan hu wieħed mill-elementi ewlenin tal-ammissjoni tal-provi, peress li l-provi ammessi għal ġudizzju għandhom ikunu rilevanti, u għandhom ikunu tali illi jirrendu l-fatt in ġudizzju aktar probabbli jew inqas probabbli li seħħ, tkun kemm tkun żgħira l-probabbiltà tagħha. Dan ifisser illi diment li l-evidenza tkun rilevanti għal '*facts in issue*' din m'għandiex titwarreb leġġerment sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni espressa tal-liġi li teskludi l-ammissjoni ta' dik l-evidenza bħala prova in atti, u li allura tirrendieha inammissibbli.

**11**. Illi kif tajjeb mistqarr mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi li tinneċċessita illi laboratorju forensiku fejn isir l-analiżi ta'

sustanzi illeċiti għandu jkun akkreditat skont l-i*standard* hawn fuq imsemmi. Dan għaliex il-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31, u allura il-qafas regolatorju Ewropew li abbażi ta'l-istess huma imfassla dawn ir-regolamenti, japplika unikament għall-evidenza dattiloskopika u għall-analiżi tad-*DNA*. Il-liġi hija ċara u ma tħalli lok għall-ebda interpretazzjoni, bir-regolament 6, imbagħad, iħalli f'idejn il-qrati nazzjonali li jaddottaw dawk ir-regoli u liġijiet li jikkonċeraw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza mqiegħda quddiemhom[1].

**12**. Illi l-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-argument miġjub 'il quddiem mid-difiża fl-ewwel aggravju minnhom intentat meta ssostni illi bil-fatt illi l-prova li saret permezz tal-analiżi magħmula minn espert nominat mill-Qorti mhijiex l-aħjar prova li tista' tingħata. Dan ukoll għaliex il-liġi stess ma tirrikjediex illi l-analiżi ta' droga neċessarjament ssir f'laboratorju akkreditat. Dan hu evidenzjat iktar u iktar mix-xiehda tal-espert[2] stess li għamel l-analiżi forensika fejn ikkonferma u allura serraħ ras il-Qorti u anke tal-partijiet illi l-analiżi minnu magħmula saret b'konformita' mal-linji gwida maħruġa mill-*European Network of Forensic Science Institutes*, b'apparat illi huwa xortawaħda akkreditat għalkemm mhux b'mod formali, liema akkreditazzjoni ssir kull sena, biex b'hekk ma hemmx dubbju dwar il-kompetenza teknika tal-laboratorju fejn saret din l-analiżi. Dan ixejjen allura l-argument tad-difiża billi huwa evidenti illi l-analiżi tad-droga saret b'tali mod illi ma tħalli ebda dubbju li hija affidabbli u professjonali. Fuq kollox il-liġi stess ma torbotx lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika li jistrieħ fuq il-konkluzjonijiet milħuqa mill-esperti tal-qorti jekk huwa tal-fehma kuntrarja. B'dan għalhekk illi finalment il-kwistjoni dwar il-valur probatorju tal-evidenza ghandħa tkun imħollija interament f'idejn il-ġurati u dan wara d-debita direzzjoni mogħtija mill-Imħallef li jkun qed jippresjedi il-ġuri.

---

[1] "l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza,"
[2] Ara xiehda tal-Ispizjar Godwin Sammut a fol.87 tal-atti tal-Qorti Kriminali

**13**. Finalment dak mistqarr fix-xiehda tal-Inġinier Claudio Boffa[3] ma jirreferiex fl-ispeċifiku għal prova li d-difiża qed tfittex illi xxejjen. Ix-xhud bl-ebda mod ma kien f'posizzjoni jindika jekk il-laboratorju fejn saret l-analiżi tad-droga mertu ta' dawn il-proċeduri jaqax taħt il-livell ta' akkreditazzjoni meħtieġ, kuntrarjament għal dak li jixhed l-iXjenzat Sammut li jiggarantixxi illi dawn l-i*standards* xortawaħda qed jintlaħqu għalkemm għad ma hemmx liġi regolanti l-akkreditazzjoni ta' laboratorji fejn issir l-analiżi tas-sustanzi illeċiti.

**14**. Illi dan ifisser illi l-appellant ma għandux raġun fl-aggravju minnu ntentat mhux biss għaliex il-liġi stess ma tinneċċessitax l-akkreditazzjoni tal-laboratorju fejn saret l-analizi billi din tapplika biss għall-evidenza dattiloskopika u tad-DNA, iżda ukoll għaliex l-espert stess ikkonferma illi x-xogħol sar skont is-sengħa u l-arti. Illi fuq kollox l-għan ta' din il-liġi mhijiex daqstant li tolqot is-saħħa tal-valur probatorju ta' evidenza quddiem il-qrati fil-kamp penali, iżda kif imfisser fir-regolament 4:

> **L-għan ta' dan l-Ordni huwa sabiex:**
> **(a) jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorj imwettqa minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi domestiċi akkreditati għall-ENISO/IEC 17025;**
> **(b) li jiġi żgurat li fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji f'Malta jiġu akkreditati b'konformità mal-EN ISO/IEC 17025.**

**15**. Fil-fatt anke l-għan wara id-Deċiżjoni Kwadru huwa illi jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalita' u dan billi fl-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet kriminali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jipprevjenu, jikxfu u jinvestigaw b'suċċess attivitajiet kriminali bil-ħtieġa allura li jkunu stabbiliti *standards* komuni għal fornituri ta' servizzi forensiċi. Mhuwiex l-għan wara din il-liġi illi tistabilixxi regoli ġodda dwar

[3] Fol.81 tal-atti

l-ammissibbilta' ta' evidenza jew il-valur probatorju ta'l-istess kif speċifikat fl-artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas innifisha fejn jingħad ċar u tond illi: "**Din id-Deċiżjoni Qafas ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza**."

**16**. U allura magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet huwa indubitat illi mhux biss l-liġi li jagħmel referenza għaliha l-appellant ma ssibx applikazzjoni għall-eżamijiet forensiċi li saret fuq is-sustanza illeċita mertu ta' dawn il-proċeduri, iżda tali fatt ċertament ma jista' bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni iwassal għal xi nullita' fil-proċeduri. Illi dwar dawk iċ-ċirkostanzi li jġibu n-nullita' tal-att ta'l-akkuża minħabba difetti fl-atti kumpilatorji u li jistgħu jwasslu sabiex il-każ ma jistax jimxi 'il quddiem, jitkellem l-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali li jġib fix-xejn l-att ta'l-akkuża kull meta d-difetti fl-atti kumpilatorji jkunu jikkonsistu fin-nuqqas ta' qari tal-akkużi mill-Prosekutur, jew in-nuqqas li jsir l-eżami mingħajr ġurament tal-akkużat, in-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Qorti Istruttorja li tiddikjara illi l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, u meta l-Qorti Istruttorja tirrifjuta mingħajr raġuni valida illi tisma' il-provi miġjuba mill-imputat, bid-difetti jew nuqqasijiet fl-evidenza kkumpilata ma hijiex waħda mir-raġunijiet li tista' twassal għal nullita', billi din il-materja tista' tolqot biss l-ammissibbilita' o meno ta'l-istess.

**17**. Għaldaqstant għal motivi hawn fuq miġjuba u ukoll għal motivi ndikati b'mod erudit fis-sentenza appellata, u li din l-Qorti tagħmel tagħha, dan l-aggravju qed jkun miċħud.

**Ikkunsidrat**:

**18**. Illi fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant isib oġġezzjoni għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kienet miċħuda t-tielet eċċezzjoni preliminari u dan għaliex jikkontendi sar apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni mill-Qorti Kriminali. Jinsisti illi ir-relazzjoni ippreżentata mill-

uffiċjal tax-xena tar-reat PC405 Jason Schmebri, inkluż l-eżebiti kollha li ġew elevati minn dan l-uffiċjal u ċioe' id-Dok 18 CRU 201 sa Dok 18 CRU 211 għandhom ikunu sfilżati stante illi huwa qatt ma kien nominat fl-inkjesta dwar l-*in genere* mill-Maġistrat Inkwirenti, bl-inkarigu ikun mogħti mill-Maġistrat lill-uffiċjali tax-xena tar-reat PC406 Sean Micallef, WPS369 Stephanie Cassar u PC169 Jurgen Schembri.

**19**. Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk fuq din l-eċezzjoni:

> **"Huwa minnu li PC405 ma jirriżultax wieħed mill-esperti nominati mill-Maġistrat Inkwirenti fil-proces-verbal li jinsab a fol 99 tal-atti. Iżda mill-banda l-oħra jirriżulta li PC405, kif jiddikjara huwa stess, kien ġie mqabbad mill-Ispettur tal-Pulizija Frank Tabone sabiex jassistih fix-xogħol tiegħu ta' pulizija, adett mat-taqsima tal-Laboratorju tax-Xjenza Forensika tal-Pulizija ta' Malta. Ix-xogħol li għamel PC405 kien xogħol li jista' jsir minn Aġent tal-Pulizija in kwantu ma jirriżultax li huwa kellu xi mansjoni li kienet bilfors teħtieġ il-ħatra ta' espert tekniku fis-sensi tal-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali u l-anqas ma jirriżulta li PC405, f'xi parti tal-qadi tal-inkariku mogħti lilu mill-Ispettur Frank Anthony Tabone esprima xi forma ta' opinjoni dwar dak li huwa kien qiegħed jaħdem fuqu. Anzi jekk xejn huwa illimita ruħu biss sabiex jirrelata dwar dak li rriżulta lilu bħala stat ta' fatt u ċjoe' għamel elenku ta' oġġetti li l-Pulizija, fil-kors tal-investigazzjoni tagħha, kellha suspett raġonevoli li kellhom x'jaqsmu mar-reati in diżamina. PC405 eleva oġġetti hekk kif indikati lilu, liema oġġetti imbagħad għaddew għand l-esperti nominati fl-Inkjesta' Maġisterjali – WPC 369 Stephanie Cassar u PC 169 Jurgen Schembri – sabiex issir l-analiżi forensika meħtieġa. ......"**
>
> **"Il-fatt li PC450 ma ġiex maħtur espert mill-Maġistrati Inkwirenti ma jfissirx li huwa ma kellux is-setgħa jagħmel ix-xogħol li jagħmel fil-vesti tiegħu ta' Aġent tal-Pulizija. Mill-banda l-oħra dak ix-xogħol li huwa għamel kien wieħed kompatibbli ma dak li jista' jagħmel xhud ordinarju li wkoll ikun jilbes l-uniformi ta' Membru tal-Korp tal-Pulizija. Din il-Qorti ma tara xejn irregolari fil-fatt li huwa wettaq parti minn xogħolu u li mbagħad irraporta lill-Ispettur li inkarigah u lil Qorti li eventwalment ġie msejjaħ jixhed quddiemha dwar ix-xogħol li huwa għamel bħala membru tal-Korp tal-Pulizija li kienet qegħda tinvestiga dan il-każ."**

**20**. Issa għalkemm l-appellant fl-aggravju tiegħu jagħmel referenza għal ġurisprudenza fir-rigward tal-ħatra ta'l-esperti li fil-qadi ta' dmirijiethom jenħtieġu xi sengħa jew ħila speċjali, bħalma huma dawk l-esperti mediko legali u analisti fost

oħrajn, u ukoll għal dawk l-istanzi fejn espert ikun eżorbita t-termini ta'l-inkarigu lilu mogħti, madanakollu ma jindika ebda motiv li jista' iwassal lil din il-Qorti titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali meta waslet għal konkluzjoni illi l-uffiċjal PC405 fix-xogħol li kien miltub jagħmel mill-Uffiċjal Investigattiv li kien qed imexxi l-investigazzjoni minn naħa tal-pulizija, għandha titqies bħala evidenza ammissibbli.

**21**. Jibda biex jingħad illi l-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija meta jkun hemm il-kxif ta' xi reat ħafna drabi jimxu b'mod parallel, u fl-istess ħin indipendentement, mill-inkjesta dwar l-*in genere*, ukoll għaliex l-għan wara l-investigazzjonijiet tal-pulizija huwa li huma jaslu għall-awturi tar-reat, bl-*in genere* tieħu ħsieb il-preservazzjoni tal-evidenza, l-eżami ta'l-istess fejn din tirrikjedi sengħa jew ħila speċjali minn esperti maħtura għaldaqstant, u l-identifikazzjoni ta' persuna jew persuni li jistgħu jkunu passibbli għal proċeduri kriminali, u jekk dawn ma jistgħux ikunu identifikati mill-istħarriġ dwar l-*in genere*, allura il-pulizija jkunu sollecitati biex ikomplu bl-investigazzjonijiet tagħhom. Dan għaliex r-rwol tal-Magistrat Inkwirenti huwa dak li jiġbor u jippreserva t-traċċi materjali tar-reat, kemm diretti kif ukoll indiretti, li jistgħu jistabbilixxu jekk verament seħħx ir-reat denunzjat jew xi reat ieħor, u jara jekk jirnexxielux, fil-kors ta' dan l-istħarriġ, jidentifika l-persuna jew persuni li għandhom jiġu investigati ulterjorment mill-Pulizija Eżekuttiva jew inkella li għandhom jiġu mixlija bil-kummissjoni ta' xi reat. Illi l-artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem fuq id-denunzja, kwerela jew rapport li jsir lil Maġistrat dwar reat li jista' jingħata piena ta' aktar minn tlett snin prigunerija. L-aċċess li jsemmi dan l-artikolu tal-liġi allura ma jsirx kontra xi persuna, iżda biss dwar reat, kif hemm infraskritt.

**22**. Dan ifisser illi meta tkun varata inkjesta maġisterjali l-pulizija ma jkunux miżmuma milli jkomplu bl-investigazzjoni tagħhom u li jagħmlu dak kollu meħtieġ biex il-każ jiġi riżolt b'suċċess. Issa fl-investigazzjoni li kien qed jagħmel l-Ispettur Frank Anthony Tabone, huwa kien qed ikun assisti mill-PC405 li fuq direzzjoni tal-Ispettur kien qed jiġbor l-evidenza li kien qed jiġi lilu indikat bħala materjal għal każ.

Din l-evidenza kienet, imbagħad, qed tiġi mgħoddija lill-uffiċjali tax-xena tar-reat u esperti maħtura mill-Inkwirenti sabiex jaraw illi din tkun ippreservata u li jsiru l-eżamijiet forensiċi fuqhom. Illi f'dan ix-xenarju nvestigattiv, allura, dak li għandu jkun stabbilit sabiex il-prova tibqa' waħda valida mhuwiex daqstant il-fatt jekk l-uffiċjal tal-pulizija li eleva l-evidenza kienx maħtur fl-inkjesta o meno, għalkemm dan kien ikun deżiderabbli, iżda dak li għandu jkun mistħarreġ huwa jekk dik l-evidenza setatx b'xi mod tkun kontaminata u jekk kienx hemm xi ksur fil-katina tal-evidenza. Dan ukoll għaliex, kif ingħad, ix-xogħol magħmul mill-PC405 huwa xogħol ordinarju li jagħmel kull uffiċjal tal-pulizija fil-kors ta' investigazzjoni, fejn l-uffiċjal ma huwiex qiegħed jesprimi ebda fehma jew opinjoni li teħtieġ xi hila jew sengħa speċjali.

**23**. Issa minn eżami tal-atti kumpilatorji u b'mod speċjali dawk dwar l-*in genere* eżebiti a fol. 99 *et. sequitur* tal-proċess, jemerġi illi meta l-appellant kien interċettat u mwaqqaf fuq suspett illi fil-pussess tiegħu kellu d-droga, beda minnufih l-istħarriġ minn naħa tal-pulizija li mexxiet sabiex televa l-oġġetti li setgħu igħinuha fl-investigazzjonijiet fosthom is-sustanza suspettata droga, flus u anke xi apparat ċellulari. Igħid hekk l-Ispettur Frank Anthony Tabone fir-rapport li għamel lil Maġistrat Inkwirenti dwar dak li seħħ wara li kienet imwaqqfa il-vettura misjuqa mill-appellant, u minn liema rapport ġiet imnehdija l-inkjesta:

> **"... illi fl-imsemmija vettura ġiet innutata borża mdaqqsa fejn wara li l-istess Etienne Farrugia gie moghti d-drittijiet tieghu stqarr mal-pulizija li kien fiha madwar ghoxrin (20) kilo droga haxixa tal-Kannabis. Illi minn gewwa l-vettura l-pulizija elevaw ukoll l-ammont ta' sitt elef u hames mitt ewro (6,500) fi flus kontanti u kif ukoll tlett mobile phones tnejn minnhom tal-ghamla Nokia u iehor tal-ghamla samsung. Illi Etienne Farrugia fil-hin li kien qieghed arrestat stqarr mal-puliija illi fir-residenza fejn kien qieghed jirrisjedi u cioe' Dorjo, Triq Ewgenju Borg, Zebbug ezattament fil-kamra tas-sodda tieghu kellu ammont sostanzjali tad-droga Eroina.**
>
> **Illi ftit il-boghod minn fejn gie imwaqqaf l-imsemmi Etienne Farrugia giet imwaqqfa vettura ohra .....**
>
> **....Illi minn tfittxija li saret fil-vettura instabu ammont sostanzjali ta' flus kontanti. Liema flus gew iffotografati u wara elevati. Illi ġie elevat mobile**

**phone tal-għamla Iphone u mobile phone ieħor tal-għamla Nokia minn għand Matthew Vassallo u kif ukoll ġie elevat mobile phone tal-għamla Nokia minn għand Antonio Andolfo.**

**Illi aktar tard il-pulizija tal-iskwadra ta' kontra id-droga irrikorrew gewwa l-fond Dorjo, Triq Ewgenju Borg, Zebbug fejn Etienne Farrugia indika kaxxa tal-kartun li kienet tinsab fil-kamra tas-sodda tieghu liema kaxxa irrizulta li kien fiha ammont konsiderevoli ta' droga suspettata Eroina.**

**24**. Wara dan saru l-arresti mill-pulizija tas-suspettati, inkluż allura tal-appellant, u l-Ispettur Tabone informa lil Maġistrat Inkwirenti b'dak illi ħareġ minn din l-investigazzjoni bil-għan li tiġi varata l-inkjesta u t-traċċi materjali tar-reat ikunu hemmhekk ppreservati, anke permezz tal-ħatra ta' esperti għal dan il-għan.

**25**. Illi allura minn dan ir-rapport huwa evidenti illi l-investigaturi kienu diġa' bdew imexxu l-investigazzjoni tagħhom meta kien interċettat l-appellant, bl-oġġetti ta' interess ikunu immedjatament elevati u ffotografati. Ma jfissirx illi x-xogħol kollu li sar mill-pulizija fl-investigazzjoni minnha kondotta u mhux magħmul strettament taħt il-kappa ta'l-inkjesta jikkostitwixxi xi prova inammissibbli u dan diment illi, kif ingħad, ma jirriżultax xi kontaminazzjoni fl-evidenza miġbura mill-pulizija.

**26**. Illi fix-xiehda tiegħu l-PS405 jikkonferma illi kien fuq istruzzjonijiet ta'l-Ispettur Frank Anthony Tabone, bħala uffiċjal tal-Pulizija adett mal-Laboratorju forensiku, illi eleva d-droga u oġġetti oħra relatati mal-investigazzjoni, liema oġġetti ġew iffotografati minn WPC369 Stephanie Cassar. Dan ix-xogħol sar fid-29 ta' Novembru 2018 għal ħabta tas-sitta ta' fil-għaxija. Aktar tard huwa jikkonferma li għadda l-eżebiti konsistenti f'sustanza suspettata droga lill-Ispizjar Godwin Sammut li kien l-espert maħtur fl-inkjesta. L-espert xjenzat Godwin Sammut, fir-rapport tiegħu, igħid illi d-droga kienet mgħoddija lilu minn PC405 J. Schembri, fejn fl-Appendici numru 1 għall-istess jindika illi qabel ma saret l-analizi minnu tas-sustanza mgħoddija lilu minn PC405, din giet ffotografata u mill-imsemmija ritratti jidher illi s-sustanza kienet issiġġilata f'*evidence*

*bags* fejn fuq l-istess tidher il-firma ta' PC405[4], bis-*submission forms* imbagħad annessi mar-rapport jindikaw illi d-dokumenti hekk issiġillati u mmarkati bħala 18 CRU 201 sa 18 CRU 211 kienu mgħoddija minn PC405 lill-Ispizjar Sammut fid-29 ta' Novembru 2018 fid-21:30hrs[5]. Wara li saret l-analiżi minn dan l-espert jidher illi d-droga għaddiet f'idejn l-espert seroloġista Dr. Marisa Cassar, u dan fl-10 ta' Jannar 2019[6]. Dawn id-dokumenti imbagħad kienu mgħoddija lil PS169 Jurgen Schembri mill-espert Cassar fit-18 ta' Gunju 2019, għall-analiżi tal-impronti digitali. Dan l-aħħar xhud imbagħad ippreżenta l-eżebiti quddiem il-Qorti Istruttorja flimkien mar-rapport tiegħu u dan fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2019.

**27**. Illi f'dan ix-xenarju probatorju huwa evidenti illi l-analiżi kollha magħmula fuq l-eżebiti saret minn esperti nominati fl-inkjesta maġisterjali. Illi l-proċess tal-elevar ta'l-istess saret, fuq struzzjonijiet tal-Uffiċjal Investigattiv, mill-PS405 li kkonserva din l-evidenza u għaddieha hekk kif kienet minnu ssiġillata lill-esperti sabiex isir l-analiżi minn naħa tagħhom, u fl-aħħar sabet ruħha quddiem il-qorti.

**28**. Kwindi l-fatt illi l-elevar tad-dokumenti 18 CRU 201 sa 18 CRU 211 ma sarx minn xi espert maħtur mill-Inkwirenti ma ixejjinx dik l-evidenza billi dan il-proċess ma kienx jenħtieġ xi sengħa jew ħila speċjali, bit-traċċi materjali tar-reat ikunu kkonservati u ppreservati skont il-liġi, mgħoddija lill-esperti għall-analiżi sakemm fl-aħħar sabu posthom fil-Qorti. Għaldaqstant il-Qorti ma tista' ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata sabiex b'hekk lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. Tibgħat lura l-atti quddiem il-Qorti Kriminali sabiex il-każ kontra l-appellant Etienne Farrugia jipproċedi skont il-liġi.**

---

[4] Dawn huma identiċi għar-ritratti meħuda mill-SOCO WPC Stephanie Cassar hekk kif l-oġġetti kienu elevati minn PS405.

[5] Ara Dokument GS1 a fol.136 et seq. tal-atti kumpilatorji.

[6] Ara rapport Dr. Marisa Cassar a fol.579 et seq. tal-atti kumpilatorji.

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**